**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022**

P9_TA(2022)0404

# Sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2021)0570 – C9-0034/2022 – 2021/0430(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2023/C 167/31)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2021)0570),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġenerazzjoni li jmiss tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-UE (COM(2021)0566),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0034/2022),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-16 ta' Settembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra l-emendi tiegħu adottati fit-22 ta' Ġunju 2022 dwar il-proposta għal direttiva li tirrevedi l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ([3]),

— wara li kkunsidra l-emendi tiegħu adottati fit-22 ta' Ġunju 2022 dwar il-proposta għal regolament li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,

— wara li kkunsidra l-ittri mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0266/2022),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
([2]) Testi adottati, P9_TA(2020)0220.
([3]) Testi adottati, P9_TA(2022)0246.
([4]) Testi adottati, P9_TA(2022)0248.

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022**

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(1a)* ***Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi pass importanti, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali vinkolanti tas-16 ta' Diċembru 2020, għall-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali għal riżorsi proprja ġodda; din għandha tiġi segwita minn inizjattivi addizzjonali u komplementari li se jiżguraw li r-rikavati l-ġodda jkunu mill-inqas suffiċjenti għall-pagamenti tal-imgħax u l-prinċipju tad-djun tan-Next Generation EU u li l-implikazzjonijiet finanzjarji distributtivi tal-basket ikunu aċċettabbli għall-Istati Membri kollha. Ammont adegwat ta' riżorsi proprji ġodda jrid jiżgura finanzjament sostenibbli tal-baġit tal-Unjoni fuq bażi fit-tul inkluż għal prijoritajiet ġodda tal-Unjoni u ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru sabiex jiġi evitat tnaqqis fil-programmi u l-politiki eżistenti tal-UE.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(2a)* ***Hemm bżonn li jiżdied il-livell ta' introjtu permezz ta' riżorsi proprji ġodda biex jiġu indirizzati l-kostijiet ta' ripagament tan-Next Generation EU u l-Fond Soċjali għall-Klima li għandu jiġi integrat fil-QFP, kif ukoll biex jingħata kontribut għall-kisba fuq terminu twil tal-għanijiet ta' politika tal-Unjoni. Madankollu, legalment u teknikament, it-tliet riżorsi proprji l-ġodda se jikkostitwixxu introjtu ġenerali f'konformità shiħa mal-prinċipju tal-universalità tad-dħul.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(2b)* ***Għaldaqstant, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tieħu aktar azzjonijiet f'waqthom jekk ir-riżorsi proprji ġodda proposti ma jiġux adottati jew ma jiġġenerawx il-livell antiċipat ta' dħul għall-baġit tal-Unjoni. F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali legalment vinkolanti tas-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni hija mistennija tressaq proposta għat-tieni basket ta' riżorsi proprji ġodda sa tmiem l-2023, li jista' jinkludi taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u riżorsa proprja marbuta mas-settur korporattiv.*** |

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022**

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex jiġi evitat impatt eċċessivament rigressiv fuq il-kontribuzzjonijiet mill-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, jenħtieġ li tiġi stabbilita kontribuzzjoni massima għall-Istati Membri eliġibbli. Għall-perjodu mill-2023 sal-2027, l-Istati Membri huma eliġibbli jekk l-introjtu nazzjonali gross per capita, imkejjel skont l-istandard tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkulat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-2020 ikun anqas minn 90 % tal-medja tal-UE. Għall-perjodu mill-2028 sal-2030, jenħtieġ li jintuża l-introjtu nazzjonali gross per capita fl-2025. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni massima tiġi stabbilita billi l-ishma tal-Istati Membri fir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskambju totali tal-emissjonijiet jitqabblu mal-ishma tal-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni ta' dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li tiġi stabbilita kontribuzzjoni minima għall-Istati Membri kollha jekk is-sehem tagħhom tal-ammont totali tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ETS ikun anqas minn 75 % tas-sehem tagħhom fl-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni. | (5) Sabiex jiġi evitat impatt eċċessivament rigressiv fuq il-kontribuzzjonijiet mill-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, jenħtieġ li tiġi stabbilita kontribuzzjoni massima għall-Istati Membri eliġibbli ***sal-2030***. Għall-perjodu mill-2023 sal-2027, l-Istati Membri huma eliġibbli jekk l-introjtu nazzjonali gross per capita, imkejjel skont l-istandard tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkulat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-2020 ikun anqas minn 90 % tal-medja tal-UE. Għall-perjodu mill-2028 sal-2030, jenħtieġ li jintuża l-introjtu nazzjonali gross per capita fl-2025. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni massima tiġi stabbilita billi l-ishma tal-Istati Membri fir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskambju totali tal-emissjonijiet jitqabblu mal-ishma tal-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni ta' dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li tiġi stabbilita kontribuzzjoni minima għall-Istati Membri kollha jekk is-sehem tagħhom tal-ammont totali tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ETS ikun anqas minn 75 % tas-sehem tagħhom fl-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) F'Ottubru 2021, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u l-Qafas Inklużiv tal-G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt laħqu ftehim dwar l-allokazzjoni lil ***ġurisdizzjonijiet*** tas-suq parteċipanti ta' 25 % tal-profitti residwi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar li jkunu jaqbżu l-livell limitu ta' profittabbiltà ta' 10 % ("il-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1"). Jenħtieġ li r-riżorsa proprja tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir għas-sehem tal-profitti residwi tal-intrapriżi multinazzjonali, riallokata lill-Istati Membri [skont id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni.] | (7) F'Ottubru 2021, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u l-Qafas Inklużiv tal-G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt laħqu ftehim dwar l-allokazzjoni lil ***ġuriżdizzjonijiet*** tas-suq parteċipanti ta' 25 % tal-profitti residwi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar li jkunu jaqbżu l-livell limitu ta' profittabbiltà ta' 10 % ("il-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1"). Jenħtieġ li r-riżorsa proprja tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir għas-sehem tal-profitti residwi tal-intrapriżi multinazzjonali, riallokata lill-Istati Membri [skont id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni***, malli tiġi adottata***]. |

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(7a)* ***L-OECD għandha l-għan li l-Konvenzjoni Multilaterali timplimenta l-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1 biex jidħol fis-seħħ fl-2024. Madankollu, peress li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1 fil-livell internazzjonali minn ċerti pajjiżi terzi ewlenin għadha mhijiex garantita, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jivvalutaw mill-ġdid is-sitwazzjoni b'mod regolari. F'każ ta' nuqqas ċar ta' progress sa tmiem l-2023, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għal imposta diġitali jew miżura simili. Jenħtieġ li tali imposta diġitali jew rikavati li jirriżultaw minn miżura simili mbagħad jitqiesu bħala riżorsa proprja tal-Unjoni sabiex jiġi ġġenerat dħul sal-2026.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(8a)* ***Id-dħul għall-baġit tal-Unjoni abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1 huwa mistenni li jkun bejn EUR 2,5 biljun u EUR 4 biljun fis-sena.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(8b)* ***Wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tirrikjedi unanimità fil-Kunsill. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ wara l-finalizzazzjoni mill-Istati Membri tal-proċeduri għall-approvazzjoni tagħha f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.*** |

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022**

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir ugwali għal ***75*** % tad-dħul mill-bejgħ ta' ċertifikati tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]). | (f) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir ugwali għal ***100*** % tad-dħul mill-bejgħ ta' ċertifikati tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]). |
| ([18]) Ir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera. | ([18]) Ir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Rieżami*** |
| | ***Jekk sa tmiem l-2023 il-proċess ta' ratifika tal-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1 (IF) ikun għadu ma bediex f'massa kritika ta' pajjiżi kif definit mill-Konvenzjoni Multilaterali, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta ġdida li tintroduċi riżorsa proprja ġdida b'rabta mas-suq uniku, bħal imposta diġitali jew miżura simili, sabiex jiġi ġġenerat dħul sal-2026.*** |